7

ADVOCATES
DEGUARA FARRUGIA

Rif tagħna: 4855-001

24 ta' Diċembru, 2020

**Attn: Segretarjat**
**It-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Block B, St. Francis Ditch,**
**Floriana**

**Suġġett: Ordni OWK 0035/20**

Nikteb għan-nom u fuq inkarigu ta' Luana Arena Micallef, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 530284(M) u residenti f'5, Triq il-Wiżna, Swieqi, filwaqt illi nagħmel referenza għas-suġġett suċitat.

Permezz ta' din l-ittra, il-klijenta tagħna qiegħda tikkomunika formalment l-oġġezzjoni tagħha għall-ordni ta' twaqqif tal-attivita' ta' *dry cleaning* bl-użu ta' *solvents*, hekk kif maħruġa minnek, datata l-erbatax (14) ta' Diċembru, 2020 bin-numru ta' riferenza suċitat.

Fl-ewwel lok, tiġbidlek l-attenzjoni illi l-ordni kif maħruġa hija inkorretta, fis-sens illi kellha tiġi indirizzata lill-mittenti, li topera taħt il-marka Arena Laundry and Dry-cleaning Services, u mhux lil Arena Laundry Limited (C 8464). Dawn iż-żewġ entitajiet huma separati u ma għandhom xejn x'jaqsmu ma' xulxin.

Fit-tieni lok, il-mittenti tinforma lil dan it-Tribunal, illi l-makkinarju kollu użat minnha għall-attivita' ta' *dry cleaning* huwa kollu ġdid fjamant u konformi mal-*istandards* kif tirrikjedi l-liġi. Fil-fatt, pertinenti ssir riferenza għall-applikazzjoni intavolata mill-mittenti bin-numru ta' referenza T 00177/20 f'dan ir-rigward għal kull buon fini.

Għaldaqstant, bil-preżenti ittra, il-klijenta tagħna tirriserva minn issa kwalsiasi dritt spettanti lilha bil-liġi illi tieħu dawk l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex tipproteġi għal kull buon fini l-interessi tagħha u tan-negozju mmexxi minnha, filwaqt illi tibqa' għad-dispożizzjoni sħiħa tagħkom f'każ li teħtieġu kjarifiki ulterjuri.

Tant sabiex dan it-Tribunal ikun ben informat.

**Av. Marlon Borg**

*Cc: L-Awtorita' tal-Ambjent, Hexagon House, Spencer Hill, Il-Marsa, MRS 1441*
*Klijent*

Deguara Farrugia Advocates
Il Piazzetta A, Suite 52, Tower Road,
Sliema, SLM 1607, Malta.
Telephone: (+356) 2131 3930, (+356) 2134 0401
Fax: (+356) 2134 0916
Email: info@dfadvocates.com
Website: www.dfadvocates.com

*Deguara Farrugia Advocates is a Civil Partnership established in terms of the Laws of Malta*
*For a full list of partners and associates please consult our website*